KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 47

Is-seba u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015 fis-6.25pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | John Pillow | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Vivianne Galea Pace (Note later) | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Sliema Arts Festival*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 46_29/09/2015.

1.2 Il-Vici Sindku talab li ssir korrezzjoni għaliex hu kien skuzat mhux assenti fl-aħħar seduta tad-29 ta' Settembru 2015. *Korrezzjonijiet*

1.2 Il-Viċi Sindku irrefera għal punt 4.3 u talab għal korrezzjoni li l-aħħar parti tas-sentenza tinqara 'b'sistema ta' culling'.

1.3 Is-Sindku irrefera għal punt 1.16 u qal li fil-frazi trid tiġi speċifikata li tqassim ta' fondi bejn il-Kunsilli membri li dan isir skont il-proċeduri tas-soltu.

1.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 B'referenza għal punt 1.13 ta' l-aħħar seduta l-Kunsill ġie infurmat li l-kumitat iltaqa mal-ELC u se jaraw xi pjanti li jistgħu jitħawwlu flok it-turf f'parti zghira mill-gnien ta' Qui si Sana. Il-Kunsill ġie infurmat li se jitħawwlu siġar fix-Xatt ta' Qui Si Sana *Manutenzjoni ta' soft areas*

2.2 Is-Sindku irrefera għal punt 2.1 ta' l-aħħar seduta u informa li CSD ħa joffru s-servizz li jnaddfu l-ħmieġ tas-sigaretti mingħajr ħlas. *CSD*

2.3 Dwar punt 2.2 ta' l-aħħar seduta il-Kunsilliera għandhom iressqu ismijiet lis-Segretarju Ezekuttiv ta' persuni li lesti li jkunu *street leaders*. *Street leaders*

2.4 Dwar is-sistema ta' *datatrak* għal *monitoring* tal-knis is-Segretarju Ezekuttiv qal li din hija sistema għolja biex tibda tintuza minn issa u m'hiex parti mill-kuntratt aqqas. Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jieħu nota għal meta jasal biex joħroġ tender ġdid. Kien hemm qbil dwar dan. *Sistema ta' datatrak għal knis*

2.5 Dwar il-punt 2.5 tal-aħħar seduta, s-Segretarju Ezekuttiv informa li t-tapit li kien zamm il-kuntrattur (kif kien miftihem) se jerġa jitpoġġa dalwaqt fil-gnien Margaret Mortimer. Il-Kunsill ġie infurmat li t-tabella li se jsir proġett gdid twaħħlet. *Sliema playing fields*

2.6 Dwar l-*ECO Wardens* il-Kunsill għadu qiegħed jistenna risposta kif se tkun is-sistema gdida minħabba r-riforma. — ECO Wardens

*Il-Kunsilliera M. Briguglio daħal għas-seduta fis-6.40pm*

2.7 Il-Viċi Sindku irrimarka li l-kennies qiegħed iħalli l-karetta fit-triq u fost nuqqasijiet oħra ta' tindif mhux dejjem qegħdin jilbsu l-uniformi kif mitlub fil-kuntratt. Is-Sindku qal li qiegħed ikun hemm diversi laqgħat mal-*contracts manager* u l-kuntrattur. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jekk ikun hemm aktar nuqqasijiet jibdew id-*default notices.* — Knis fit-toroq.

2.8 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret dwar il-problema tal-iskips tal-*catering establishments*. Il-Kunsill ġie infurmat li l-perit tal-Kunsill indika struttura li fiha jistghu jigu mqeghda l-iskips u ma jidrux koroh fuq il-*promenades*. — *Skips – catering establishments*

2.9 Dwar is-sitwazzjoni tal-*hawkers* is-Sindku iddiskuta din l-*issue* waqt laqgħa tat-*Tourism Zones*. Il-pulizija għandhom jieħdu aktar azzjoni. — *Hawkers*

2.10 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-*handyman* tal-Kunsill għaliex mhux qiegħed jagħti s-servizz sħiħ għax-xogħol li tirrikjedi Tas-Sliema u b'hekk kif għadu fil-*probation period* il-Kunsill għadu jista jieħu deċizjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li Tas-Sliema tirrikjedi ħafna xogħol u mhiex ta' *handyman* wieħed apparti wieħed irid jifhem ukoll li l-iskala tas-salarju li l-Kunsill hu intitolat li jagħtih hija baxxa ferm. Il-Kunsilliera M. Aquilina u l-Kunsillier M. Briguglio qalu li ma jaqblux li jitkeċċa. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li l-Kunsill irċieva memo li forsi minn Jannar li ġej l-ETC ikunu jistgħu jibgħatu *handyman*. — *Handyman tal-Kunsill*

2.11 Dwar punt 3.1 tal-aħħar seduta dwar il-bins ta' Tigne Point, l-appartamenti ġew infurmati u minn Jannar li ġej se jieħdu ħsieb huma li jikru *skips* ghalihom stess. — *Bins on wheels*

2.12 Dwar punt 4.5 rigward il-*camera* biex titwaħħal Qui Si Sana il-Kunsill se jerġa jkellem lis-Sur R. Deguara tas-CSD. — *Camera*

2.13 Dwar korsijiet tal-kompjuter kien hemm qbil li tinħareġ *call for quotation.* — *Korsijiet tal-kompjuter*

2.14 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellu mat-*Tourism Zones* fejn ġie approvat l-*outdoor gym* li kien ġie propost fl-aħħar seduta. L-MTA ser tiffinanzja madwar Ewro 11,000 għal dan il-proġett. Se jkunu qegħdin jipprovdu wkoll madwar tletin siġra tat-tamarisk fix-Xatt u jimlew bil-ħamrija fejn hemm nieqes. Jista jkun ukoll li jinzebgħu il-bankijiet tax-Xatt, izda għal din għad m'hemmx konferma. *Outdoor gym u għajnuna oħra mit-Tourism Zone*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-7pm*

2.15 Fir-rigward għal *equipment* ta' *outdoor gym* il-Kunsill jibda bil-preparamenti ħalli malli l-Kunsill ikollu bil-miktub li akwista il-fondi, u kemm, ikun jista jinħareġ it-tender *a bazi* ta' tali ammont ta' fondi.

3. **APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

3.2 Intalbet kjarifka għal pagament numru 36 indirizzat lil Arms Ltd dwar il-konsum tal-ilma f'*Bisazza Square* għaliex ġie għoli. Il-pagament inzamm *on hold.*

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli fis-7.05pm*

3.3 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar il-pagamenti numru 58 u 59 dwar street lighting maintenance. Saqsa jekk is-sitwazzjoni għadiex li l-Kunsill ma jistax joħroġ minn kuntratt li qiegħed bejn diversi kunsilli. Is-SE informa li għalissa iridu inzommu minn memo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ma jistax joħroġ tender għal rasu. *Manutenzjoni ta' bozoz*

3.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat kif qed tinħass il-fatt li bħalissa waqqfu l-*green wardens* għaliex hemm ħafna min qiegħed joħroġ il-*garbage* f'ħinijiet u ġranet ħziena. Is-SE informa li għadu jikkomunika mal-LESA biex jerġa jkollna s-servizz. *Green wardens*

3.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti (minbarra numru 36). Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-*junction* ta' Tower Road (faċċata ta' Triq il-Kulleġġ). Is-SE informa li l-perit Vassallo għadu ma kompliex il-proċess mal-MEPA. Is-SE għandu jkellem lil *case officer* direttament jara x'inhi is-sitwazzjoni. *Junction*

4.2 Il-Viċi Sindku saqsa dwar iz *zebra crossing* ta' fejn Chalet. Is-SE informa li din ġiet approvata mit-TM. Kien hemm qbil li jekk ikollna aktar proġetti simili naqqduhom u navviċinaw lit-TM darba wahda biss.

4.3 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li l-Kunsill għandu jixtri tlett slielem tal-baħar biex ikunu jistgħu jitpoġġew fil-baħar anke matul ix-Xitwa għaliex dawk tas-CSD jinqalgħu fl-aħħar tas-Sajf u jkun min jgħum anke fix-Xitwa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri tlieta u jitpoġġew wieħed fi Qui si Sana, wieħed Fond Għadir u l-ieħor Exiles. Il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt ma Michael Vella tas-CSD għar-rigward min jahdem dawn is-slielem. *Slielen tal-baħar*

4.4 Il-Kunsillier M. Briguglio informa dwar it-talba li kellu mis-Salezjani rigward il-ktieb tac-centinarju. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa għal *printing* billi jippublika hu dan il-ktieb u ma jaqbizx id-*direct order*. *Pubblikazzjoni*

4.5 Il-Viċi Sindku tkellem dwar dik il-laqgħa li l-Kunsilli kienu ġew mistiedna sabiex jipprezentaw il-*financial recommendations* taghhom. Is-SE kien lesta rapport, is-Sindku kien attenda din il-laqgħa pero ma kinitx ħalliet daqshekk impatt għas-sitwazjzoni tagħna. Filfatt, ma kienx hemm opportunita ghas-Sindku li jitkellem. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob għal laqgħa speċifika mal-Onor. Stefan Bontempo u eventwalment iressaqna għal Onor. Owen Bonnici biex il-Kunsill jiddiskuti diversi spejjes oħra li l-Kunsill m'għandux allokat. *Allokazzjoni finanzjarja*

4.6 Il-Kunsillier D. Muscat tkellem dwar is-serata tas-*Sliema Wirt u Niesha.* Il-Kunsill ġie infurmat b'dettalji bħal lis-serata se tkun bl-inviti fejn wara ikun hemm riċeviment ta' madwar siegħa. Is-SE għandu jibgħat il-kundizzjonijiet lill-Kunsilliera ta' kif wieħed jista jinnomina lil xi ħadd li ta' ġieħ lil Tas-Sliema. Informa wkoll li kien hemm xi tibdil fil-kategoriji u se jkun hemm massimu ta' ħames Onorificenzi (mhux bilfors jingħataw kollha). *Ts-Sliema Wirt u Niesha*

4.7 Il-Kunsillier D. Muscat tkellem ma xi storiċi fuq materjal għal

esibizzjoni li se ssir *Palace Hotel* fis-serata tal-Gimgħa 4 ta' Diċembru 2015. Il-prezentaturi se jkunu Tony Terribile u Mary Grech. Għas-serata se jkun hemm zewġ soprani u tenur.

4.8 l-attivita se titkompla s-Sibt 5 ta' Diċembru 2015 bejn il-11am u s-7.30pm fi Pjazza Sant'Anna u se jittieħed nofs il-*car park* tax-Xatt. Il-Ħadd 6 ta' Diċembru 2015 se jkun hemm logħba *basketball* bil-*wheelchairs*.

**5. SLIEMA ARTS FESTIVAL 2015**

5.1 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar l-attivita li għada kif saret u għamel *post mortem*. Kien hemm diskussjoni wkoll li l-kumitat tal-SAF ghandu jkun magħmul ukoll minn nies mhux Kunsilliera. Kien hemm qbil dwar dan.

**6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

6.1 Il-Kunsillier P. Portelli propona li l-Kunsill għandu jibda jaħseb għal aktar MC bays f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil li l-*contracts manager* għandu jdur fejn il-Kunsill jista jzid. *MC Bays*

6.2 Il-Kunsillier P. Portelli saqsa jekk il-Kunsill semgħax xi ħaġa minn Townsquare. Il-Kunsill qal li qiegħed jsir *updated impact assessments.* *Townsquare*

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8.30pm*

6.3 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li għandha titwaħħal *mobile camera* u qabel ma tiġi stallata ssir laqgħa mal-pulizija. Kien hemm qbil dwar dan. *Mobile camera*

6.4 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-15,000 ewro tal-*park and ride* għandhom jintuzaw għal *car park* tat-Torri jekk m'hemmx art Manuel Island. Kien hemm qbil dwar dan. *Proġett car park*

6.5 Is-Sindku informa li l-Kunsill se jibda jwaħħal 'no parking signs' sabiex il-kennies ikun jista jiknes taħt il-karozzi. *Knis taħt il-karozzi*

6.7 Il-Kunsilliera L. Cassar irrimarkat li fi Pjazza Sant' Anna il-bozoz qegħdin jinxtgħelu tard. Qalet ukoll li parti minn Triq Dingli qegħda bla dawl.

6.8 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li hemm bankina fi Triq Tigne li qegħda fi stat ħazin. Il-ħaddiema tal-Kunsill jistgħu jduruha. *Tigne*

6.9 Il-kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li hemm *sleeping policeman* ta' Milner Grove li hija imkissra u Triq Mattew Pulis imkissra. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb.

**7. AĠĠORNAMENT**

7.1 Is-seduta ntemmet fid-8.55pm. Seduta oħra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2015 fis-6pm.

Minuti approvati llum 26/11/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**